# IL-PJAN TAL-LEZZJONI – 2.9

**Kap 2: Qatt Ma Jien Waħdi**

**Lezzjoni 2.9 – Ejja Warajja**

**L-Għanijiet:**

**L-istudenti:**

1. Jifhmu li Ġesù qed jistedinhom kuljum bil-frażi "Ejja warajja".
2. Jitgħallmu kif għandhom jgħixu xi kwalitajiet għandhom iħaddnu biex jimxu wara Ġesù.



**Ir-Riżorsi għal-lezzjoni:**

- Song : *I have decided to follow Jesus*

https://www.youtube.com/watch?v=zChBECGbHp8&spfreload=10

- Karta ta' Taħriġ 2.8 – mill-Ktieb



## Naqsmu flimkien – L-Introduzzjoni u d-diskussjoni tal-bidu



1. Irrevedi mil-lezzjoni ta' qabel il-kwalitajiet ta' Ġesù.
2. Stieden lit-tfal jagħrfu l-kwalitajiet li għandna li bihom nħobbu lil ħaddieħor bħal meta nisimgħu, inċedu, ngħinu, inkunu ġenerużi, inkunu dħulin… (tista' tuża l-Karta Addizzjonali li għandek ma' din il-lezzjoni).

## Nisimgħu flimkien (Il-qafas tal-lezzjoni)

1. Iddiskuti magħhom wara li mlewhom kif jistgħu jużawhom biex inferrħu lil ħaddieħor.



2. Stidinhom jaqsmu dak li kitbu ma' xulxin.
3. Stieden lit-tfal jisimgħu s-song *I have decided to follow Jesus*.
4. Spjega x'fiha l-kanzunetta.
5. Stieden lit-tfal jiftħu l-Ktieb tal-Attivitajiet 2.8 u spjega s-silta mogħtija .
6. Iddiskuti l-frażijiet li hemm f'Attività 1 u għin lit-tfal ipinġu t-tajbin.
7. Qabbel flimkien mat-tfal Attività 2 u ddiskuti magħhom is-sentenzi.
8. Iddiskuti Attività 3 u oħroġ il-punt li napprezzaw dak li għandna u ma nixtiqux dejjem dak li naraw u dejjem irridu dak li għandu ħaddieħor.

## Nikbru flimkien (Il-punti saljenti tal-lezzjoni)

1. Ġesu qed jistedinna biex nimitawh u nimxu warajh.
2. Biex nagħmlu dan irridu naraw x'għallimna: li l-ikbar wieħed irid ikun l-iżgħar.



.

## Nagħżlu flimkien (L-attitudni)

- It-tfal juru li jridu jimxu wara Ġesu'.
- Juru li jħobbu lill-proxxmu tagħhom u li jgħinuh f'kulma jkollu bżonn.
- Jifhmu li mhux sew nieħdu affarijiet li mhumiex tagħna.



## Niċċelebraw flimkien xi kant /drama/ DVD ecc



- Song: *I have decided to follow Jesus*

https://www.youtube.com/watch?v=zChBECGbHp8&spfreload=10

## Nitolbu

Ġesù, grazzi talli żejjinti b' ħafna kwalitajiet sbieħ.
Għallimni nużahom sew ħalli dejjem nimxi warajk.

